LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2022/2250 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 ta' Novembru 2022

li temenda l-Linja Gwida (UE) 2022/912 dwar il-ġenerazzjoni ġdida tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET) (BĊE/2022/8) *(BĊE/2022/39)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 17, 18 u 22 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Governattiv adotta l-Linja Gwida (UE) 2022/912 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/8) ([1]), li tipprovdi għall-bidu tal-operazzjonijiet ta' ġenerazzjoni ġdida tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET), mill-21 ta' Novembru 2022, id-data li minnha l-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw mal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) u li minnha għandha titħassar il-Linja Gwida BĊE/2012/27 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]).

(2) Il-Kunsill Governattiv iddeċieda fl-20 ta' Ottubru 2022 li jiskeda mill-ġdid il-bidu tal-operazzjonijiet tat-TARGET biex jibda mill-20 ta' Marzu 2023 minħabba l-ħtieġa li l-utenti jingħataw aktar żmien biex ilestu l-ittestjar tagħhom tal-pjattaforma teknika l-ġdida f'ambjent stabbli, wara li titqies in-natura sistemika tat-TARGET. Konsegwentement, il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom ikomplu jikkonformaw mal-Linja Gwida BĊE/2012/27, u s-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) għandha tkompli topera, sa dik id-data.

(3) Għaldaqstant, il-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) għandha tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 24, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Il-Linja Gwida BĊE/2012/27 hija mħassra b'effett mill-20 ta' Marzu 2023.";

(2) L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-20 ta' Marzu 2023.";

([1]) Linja Gwida (UE) 2022/912 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Frar 2022 dwar il-ġenerazzjoni ġdida tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) u li tħassar il-Linja Gwida BĊE/2012/27 (BĊE/2022/8) (ĠU L 163, 17.6.2022, p. 84).

([2]) Linja Gwida BĊE/2012/27 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (ĠU L 30, 30.1.2013, p. 1).

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mill-20 ta' Marzu 2023.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-21 ta' Novembru 2022.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-9 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE